IL - MALTI

QARI LI TOHROĠ

L-AKKADEMJA TAL-MALTI

MARZU

1964

# AKKADEMJA TAL-MALTI

*Fl-laqgħa ġenerali tal-Membri Akkademiċi li saret nhar il-Ħadd, 15 ta' Diċembru 1963, kien maqtugħ li minn dak in-nhar 'il quddiem il-"Għaqda" tagħna tissejjaħ "Akkademja".*

*Dan l-isem ifakkarna f'dak li ġara erbgħa u erbgħin sena ilu meta l-"Akkademja Tal-Ilsien Malti", li kienet ilha xi ftit imwaqqfa, ingħaqdet mal-"Għaqda" li kienet għadha kemm nibtet u t-tnejn flimkien nisslu l-"Għaqda Tal-Kittieba tal-Malti", li mill-bidunett uriet ħeġġa u sedqa u xegħlet bi ħrara tal-għaġeb lil kull min kellu ġibda għal Malta u għall-ilsien tagħha.*

*Naħsbu li sa issa ftit kien hawn għaqdiet jew xirkiet li kellhom daqs il-"Għaqda" tagħna effett fuq il-ħajja kulturali Maltija. B'wiċċna minn quddiem nistgħu ngħidu li l-"Għaqda" tat xejra Maltija lid-dehen Malti, u rawmet il-moħħ Malti jaħseb u jfisser ħsibijietu bil-Malti. Il-"Għaqda" xettlet sentiment nazzjonali u hejjiet il-poplu għat-tmexxija tal-ħakma f'pajjiżna.*

*Ftit snin oħra l-"Għaqda" jew "Akkademja" kif hi msejħa l-lum, tilħaq il-"Ġublew tad-Deheb", tagħlaq ħamsin sena ta' ħidma bla heda, ta' xogħol ta' fejda, ta' ħajja ta' ġieh. Matul dawn is-snin tal-ħajja tagħha, il-"Għaqda" bil-għaqal, bil-ħsieb, bla ftaħir u bla għaġeb, rabbiet l-egħruq u kisbet il-qima tal-għorrief, tal-patrijotti u tal-Kapijiet tal-pajjiż. Il-"Għaqda" l-lum ma għadhiex magħrufa biss f'pajjiżna, iżda rabbiet isem ukoll barra minn Malta. Il-lum Akkademji u soċjetajiet kulturali fl-Ewropa, fl-Amerika, fl-Affrika u fl-Awstralja, jafu l-"Għaqda" u jqisuha bħala waħda minnhom; dlonk jiktbulha u jitolbuha pariri u jistaqsuha l-fehma tagħha dwar tagħrif etimoloġiku, lessikali jew grammatikali.*

*Għalhekk il-Membri Akkademiċi dehrilhom li l-"Għaqda" jixirqilha tieħu isem aktar magħruf fost il-ġemgħat letterarji u kulturali, ħalli hi ma tidhirx anqas minnhom għal dak li hu qima u ġieh. L-isem "Akkademja" jagħżel xirka ta' nies għorrief, nies ta' dehen u ta' għa-*

*qal u jixħet fuqhom dija ta' ġieh u foħrija. Il-pajjiżi ċivilizzati tad-dinja kollha għandhom l-Akkademji tagħhom u jżommuhom f'għożża kbira, għax barra li jħeġġu lin-nies għall-għerf, dawk l-Akkademji jagħmlu ġieh lin-nazzjon.*

*Il-Membri tagħha dehrilhom li issa l-"Għaqda" bit-tħabrik u bil-ħila tagħha, waslet f'qagħda ta' ġieh u setgħa u għalhekk jistħoqqilha t-titlu ta' Akkademja. Dan it-titlu mhux biss ikun ta' sebħ lilha u lill-Membri tagħha, iżda jkun ta' ġieh lil pajjiżna li b'hekk jista' jiftaħar li għandu l-Akkademja tiegħu bħalma għandhom pajjiżi oħrajn.*

*Iżda l-Membri Akkademiċi ma kellhomx ħsieb jinsew l-isem tal-"Għaqda". Dan l-isem hu wisq għażiż għalihom, hu marbut ma' qalbhom għax taħtu huma ħabirku u tħabtu, u warajh imxew fit-triq ta' riżq u fejda għall-ilsien Malti. Wieħed ma jistax jitfa' wara spallejh isem li għal kważi nofs seklu ħarrek id-dehen u ħeġġeġ il-qlub ta' l-aqwa kittieba Maltin; isem li ġabar madwaru u kien il-qofol ta' kull tqanqila li saret għall-ġid ta' l-ilsien Malti. Biex ma jiġrix dan, il-Membri riedu u ftiehmu li għalkemm l-isem ġdid hu "Akkademja", l-isem l-ieħor ta' "Għaqda" ma jaqax u għalhekk l-isem sewwa għandu jkun hekk:*

*AKKADEMJA TAL-MALTI*
*(GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI)*

*Dan ifisser li l-isem tal-"Għaqda" għadu jsaltan u jnebbaħ lill-Membri Akkademiċi. Għax wara kollox mhux l-isem li jgħodd u jifdi, imma l-fehma u r-rieda u l-qawwa tad-dehen. L-isem "Akkademja" mhux se jitfa' ġieh fuqna, mhux se jkun ta' siwi għalina jekk aħna ma nurux rieda u ħeġġa u ħrara u fehma qawwija biex naħdmu fil-qasam tal-kitba Maltija u nseddqu l-ġmiel u l-benna ta' ilsienna. L-unur ma nistennewhx mill-isem li ħadna, iżda jeħtiġilna nitsħoqqu għalih bix-xogħol tal-moħħ tagħna u bil-ħidma tal-pinna tagħna. L-isem ta' "Akkademja" jew l-isem ta' "Għaqda" jisfgħu fiergħa jekk ma jkunux mirfudin mill-ħidma siewja u ta' fejda tal-Membri. Mela nagħmlu fehma lkoll kemm aħna Membri Akkademiċi, li bil-ħidma u x-xogħol tagħna nerfgħu din l-Akkademja tagħna u nżommuha fil-għoli biex id-dawl tagħha jinfirex u jilħaq fuq il-Gżejjer tagħna u hekk nimxu fit-triq li fetħu dawk ta' qabilna li dejjem għollew il-"Għaqda" tagħhom u tagħna wkoll.*